MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Talba Numru. 1000/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Devenish Thomas George (K.I. 041837A))**

## It-Tribunal

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ erba’ mija u tletin ewro u tlettax-il centezmu (€430.13) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 431525 u dan fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dana l-att u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-24 ta' Marzu, 2011 mill- Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------